# Għada

Alfred Palma

Ilbieraħ tar u mar,
u miet u nħall mal-aħmar
li pinġa wiċċ is-sema,
filgħaxija...
u miegħu għebet
biex ma terġax lura
it-tama, f'qalb li drat,
jum wara l-ieħor,
iġġarrab it-tbatija!

Illum inħallu d-deh'b u r-roża
u saru biss l-isfond
għas-sħab bajdani,
li nesa ġa l-għasafar
li ħawfu 'l hemm jgħannu kiebja
fuq oċean imqalleb!

U għada,
ruħi terġa' tistenbaħ,
biex terġa' terda' l-ħajja min-natura,
mill-għanja ta' għasfur,
mill-ħars ta' ħniena,

mid-dmugħ ta' warda,
itfewwaħ minn ħmuritha!
Imm'għada jkun bħal-lum
u jkun bħall-bieraħ,
għal min il-ħajja hija biss tagħbija
t'elf xewqa mhux maqtugħa,
ta' salt ħolm fieragħ
li jtir mar-riħ milbus il-parodija!

UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA MAIN LIBRARY